# Sant'Andrija f'Bormla

Mario Fenech

Meta l-lokalità ta' Bormla kienet tigbor fiha numru ta' sajjieda u baħħara d-devozzjoni lejn Sant'Andrija kienet waħda qawwija ħafna. Bosta kienu jersqu lejn dan il-qaddis magħruf bħala l-ewwel appostlu li emmen biex jidħol għalihom waqt ix-xogħol tagħhom fuq il-baħar. Tant kienet qawwija din id-devozzjoni li nafu li diġà kienet twaqqfet xi forma ta' fratellanza ta' Sant'Andrija fis-sena 1605 u kienet issir bil-kbir il-festa tal-Patrun tal-Fratellanza.

Fil-knisja tal-Immakulata l-altar ta'



Statwa ta' Sant'Andrija tal-ġebel li kienet quddiem ix-xatt fi Pjazza Gavino Gulia.

Sant'Andrija kien jeżisti diġà fis-sena 1745 u dan nafuh mir-rapport tal-Viżta Pastorali li kien għamel f'Bormla l-Isqof Alpheran de Bussan. Fl- istess rapport huwa jgħid li l-kwadru ta' fuq dan l-altar juri lil Sant'Andrija qiegħed josserva x-xena tat-trasfigurazjoni tal-Mulej. Il-kwadru ġie mpitter mill-artist Emanuele Perriera Portughese fis-sena 1685. Din hija xena mhux tas-soltu li fiha naraw lil dan il-qaddis, għaliex ġeneralment narawh jew waqt il-martirju tiegħu jew qiegħed iħaddan miegħu is-salib tal-martirju.

Fuq dan ir-rapport kienu jsiru wkoll il-festa ta' San Anard u ta' San Corrado.

Maż-żmien bdiet tinħass il-ħtieġa li d-devoti ta' Sant'Andrija jiġu miġbura fi fratellanza li tkun imwaqqfa b'mod uffiċjali. Għal dan il-għan saret talba lil Isqof Ferdinandu Mattei li ħareġ id-digriet bl-approvazzjoni tat-twaqqif tal-Fratellanza fis-sena 1805.


L-artal ta' Sant'Andrija fil-Kolleġġjata ta' Bormla.

Il-Fratellanza kienet waħda numeruża tant li fi żmien qasir l-altar ġie mogħni b'numru t'opri sagri sbieħ li wieħed ikun jista' jammirahom waqt il-jiem tal-festa tal-Immakulata meta l-Kolleġġjata tkun armata bl-isbaħ armar.

L-istatwa ta' Sant'Andrija, li għal xi żmien kienet tinżamm fil-knisja filjali ta' San Pawl, issa qiegħdha f' niċċa fis-sagristija tal-Kolleġġjata. Ġiet skolpita fl-injam mill-iskultur Salvatore Psaila fis-sena 1844 fid-dar tiegħu f'Birkirkara. Inġiebet mill-knisja ta' San Pawl fis-sena 1991 u tpoġġiet fin-niċċa li qabel fiha kienet titpoġġa l-istatwa titulari tal-Immakulata. In-niċċa kienet saret fl-1925 u nħadmet fuq disinn tal-Bormliż Abraham Gatt.

Statwa oħra ta' dan il-qaddis kienet twaqqfet fil-wesa' tax-xatt, fejn illum hemm is-*sede* tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla fi Pjazza Gavino Gulia. Din kienet tal-ġebel wieqfa fuq pedestall għoli u kellha xebħ kbir ma' dik li kien għamel l-iskultur Salvatore Psaila għall-knisja. Sfortunatament din l-istatwa ntilfet meta ntlaqtet bil-bombi tal-għadu waqt it-Tieni Gwerra Dinjija.



L-istatwa ta' Sant'Andrija li tinsab f'niċċa ġewwa s-sagristija, xogħol l-iskultur Salvatore Psaila fis-sena 1844.